



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2013/0264(COD)

11.11.2013

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali

għall-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-servizzi ta' ħlas fis-suq intern li temenda d-Direttivi 2002/65/KE, 2013/36/UE u 2009/110/KE u li tħassar id-Direttiva 2007/64/KE
(COM(2013)0547 – C7-0230/2013 – 2013/0264(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Dimitar Stoyanov

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Din il-proposta għal direttiva għandha l-għan li tiffavorixxi żvilupp ulterjuri tas-suq tal-ħlasijiet elettroniċi fil-livell tal-Unjoni, peress li l-ekonomija diġitali qiegħda tieħu post l-iskambji tradizzjonali filwaqt li d-drawwiet ta' ħlas mill-konsumaturi qed jevolvu. Hija bbażata fuq l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

L-informazzjoni disponibbli permezz ta' għadd ta' opinjonijiet u kummenti tal-partijiet ikkonċernati turi l-ħtieġa ta' bidliet fil-qafas regolatorju fis-seħħ, b'mod li jirrispondu aħjar għall-ħtiġijiet ta' suq Ewropew ta' ħlasijiet effettivi u jikkontribwixxi għall-ħolqien ta' ambjent ta' ħlasijiet li jsostni l-kompetizzjoni, jiffavorixxi l-innovazzjoni u jggarantixxi s-sigurtà.

Meta wieħed jikkunsidra l-ħtieġa taċ-ċarezza ġuridika u l-kundizzjonijiet kompetittivi ugwali, il-qafas li attwalment jiggverna s-servizzi ta' ħlasijiet se jiġi aġġornat u mitmum komplut permezz tal-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet li għandhom l-għan isaħħu t-trasparenza, jiffavorixxu l-innovazzjoni u jggarantixxu s-sigurtà fis-servizzi ta' ħlasijiet għall-individwi kif ukoll biex titjieb il-koerenza tar-regolamenti nazzjonali.

L-analiżi tal-impatt li saret mill-Kummissjoni, li fil-qafas tagħha l-Kummissjoni analizzat il-konsegwenzi potenzjali tan-nuqqas ta' suq Ewropew integrat tal-ħlasijiet, ikkostatat innutat problemi li għandhom konsegwenzi għall-konsumaturi, in-negozjanti, il-fornituri ta' servizzi ta' ħlas u s-suq ta' servizzi ta' ħlas b'mod ġenerali.

L-għażliet li jippermettu t-titjib ta' dan il-fattur jikkonsistu fl-iffaċilitar tal-ħolqien ta' kundizzjonijiet kompetittivi ugwali bejn il-fornituri diġà stabbiliti u fornituri ġodda tas-servizzi ta' ħlas bil-karta tal-kreditu, bl-internet u bit-telefon ċellulari; fiż-żieda tal-effiċjenza, it-trasparenza u l-għażla tas-soluzzjonijiet ta' ħlas għall-utenti tas-servizzi ta' ħlas; filwaqt li jggarantixxu lil dawn tal-aħħar livell oġhla ta' protezzjoni.

Id-direttiva l-ġdida proposta fiha bosta adattamenti għad-direttiva attwalment fis-seħħ dwar is-servizzi ta' ħlas u timponi ċerti obbligi ġodda għall-Istati Membri b'ċertu marġini ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-mod kif dawn l-obbligi jiġu trasposti fid-dritt nazzjonali.

Il-prinċipji, ir-regoli, il-proċeduri u n-normi applikabbli għandhom ikunu koerenti fl-Istati Membri kollha għal raġunijiet ta' sigurtà ġuridika u ta' ugwaljanza bejn il-partiċipanti kollha fis-suq.

L-objettivi tal-proposta jikkonformaw bis-siġħ mal-politika tal-Unjoni dwar l-istabbiliment ta' suq intern tas-servizzi ta' ħlas effettiv, il-protezzjoni tad-data personali, is-sanzjonijiet amministrattivi u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu.

EMENDI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Legali jistieden lill-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – punt 25

Test propost mill-Kummissjoni

25. "aġent": tfisser persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi akkont ta' istituzzjoni tal-ħlas fil-forniment tas-servizzi tal-ħlas;

Emenda

25. "aġent": tfisser persuna fiżika jew ġuridika li taġixxi ***f'isem u*** akkont ta' istituzzjoni tal-ħlas fil-forniment tas-servizzi tal-ħlas;

Or. bg

Emenda 2

Proposta għal direttiva Artikolu 4 – punt 28

Test propost mill-Kummissjoni

28. "mezz durabbli": tfisser kwalunkwe strument li jippermetti lill-utent tas-servizzi tal-ħlas jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lilu b'mod aċċessibbli għal referenza futura għal ***perjodu*** ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li jippermetti riproduzzjoni mingħajr tibdil tal-informazzjoni maħżuna;

Emenda

28. "mezz durabbli": tfisser kwalunkwe strument li jippermetti lill-utent tas-servizzi tal-ħlas jaħżen informazzjoni indirizzata personalment lilu b'mod aċċessibbli ***faċilment għall-utent tas-servizzi tal-ħlas u*** għal referenza futura għal ***perjodu*** ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-informazzjoni u li jippermetti riproduzzjoni mingħajr tibdil tal-informazzjoni maħżuna;

Or. bg

Emenda 3

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) programm ta' operazzjonijiet li jispesifika ***b'mod partikolari t-tip*** tas-servizzi tal-ħlas previsti;

Emenda

(a) programm ta' operazzjonijiet li jispesifika ***it-tipi kollha*** tas-servizzi tal-ħlas previsti;

Or. bg

Emenda 4

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt fe

Test propost mill-Kummissjoni

(e) deskrizzjoni tal-proċedura fis-seħħ biex jiġu mmonitorjati, ittrattati ***u*** segwiti ilment tal-konsumaturi marbuta ma' inċidenti ta' sigurtà u sigurtà, inkluż mekkaniżmu ta' rappurtar ta' inċidenti li jqis l-obbligu tan-notifika tal-istituzzjoni tal-ħlas stabbilit fl-Artikolu 86;

Emenda

(e) deskrizzjoni tal-proċedura fis-seħħ biex jiġu mmonitorjati, ittrattati, segwiti ***u rregolati*** ilment tal-konsumaturi marbuta ma' inċidenti ta' sigurtà u sigurtà, inkluż mekkaniżmu ta' rappurtar ta' inċidenti li jqis l-obbligu tan-notifika tal-istituzzjoni tal-ħlas stabbilit fl-Artikolu 86;

Or. bg

Emenda 5

Proposta għal direttiva Artikolu 5 – paragrafu 1 – punt h

Test propost mill-Kummissjoni

(i) deskrizzjoni tal-prinċipji u d-definizzjonijiet applikati għall-ġbir tad-dejta statistika tal-prestazzjoni, tranżazzjonijiet u frodi;

Emenda

(i) deskrizzjoni tal-prinċipji u d-definizzjonijiet applikati għall-ġbir tad-dejta statistika tal-prestazzjoni, tranżazzjonijiet u frodi, ***li jridu jkun konformi mad-dritt nazjonali u mad-dritt tal-Unjoni li jkun fis-seħħ***;

Emenda 6

Proposta għal direttiva Artikolu 45 a– punt 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) deskrizzjoni tal-karatteristiċi prinċipali tas-servizzi tal-ħlas li se jiġu furnuti;

Emenda

(a) deskrizzjoni **ċara** tal-karatteristiċi prinċipali ta' servizzi ta' ħlas li se jiġu furnuti;

Or. bg

Emenda 7

Proposta għal direttiva Artikolu 62 a– punt 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

(a) li jiżgura li l-karatteristiċi personalizzati ta' sigurtà ta' strument tal-ħlas ma jkunux aċċessibbli għal partijiet li mhumiex l-utent ta' servizzi tal-ħlas intitolat li juża l-istrument tal-ħlas, mingħajr preġudizzju għall-obbligi fuq l-utent ta' servizzi tal-ħlas stabbiliti fl-Artikolu 61;

Emenda

(a) li jiżgura li l-karatteristiċi personalizzati ta' sigurtà ta' strument tal-ħlas **huma sikuri u** ma jkunux aċċessibbli għal partijiet li mhumiex l-utent ta' servizzi tal-ħlas intitolat li juża l-istrument tal-ħlas, mingħajr preġudizzju għall-obbligi fuq l-utent ta' servizzi tal-ħlas stabbiliti fl-Artikolu 61;

Or. bg

Emenda 8

Proposta għal direttiva Artikolu 90 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' ħlas stabbilixxew proċeduri għar-risoluzzjoni tat-tilwim tal-

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li l-fornituri ta' servizzi ta' ħlas stabbilixxew **u applikaw** proċeduri għar-risoluzzjoni tat-tilwim tal-

konsumaturi li huma effettivi u adegwati għar-risoluzzjoni ta' lmenti mill-utenti ta' servizzi ta' ħlas li jirrigwardaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

konsumaturi li huma effettivi u adegwati għar-risoluzzjoni ta' lmenti mill-utenti ta' servizzi ta' ħlas li jirrigwardaw id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva.

Or. bg

Emenda 9

Proposta għal direttiva Artikolu 91 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-Istati Membri jiżguraw li proċeduri ta' lmenti u ta' rimedju xierqa u effettivi għar-risoluzzjoni ta' lmenti bejn l-utenti ta' servizzi ta' ħlas u l-fornituri ta' servizzi ta' ħlas dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva huma stabbiliti skont il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, bl-użu ta' korpi eżistenti meta xieraq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-proċeduri huma applikabbli għall-fornituri ta' servizzi ta' ħlas u li jkopru wkoll l-attivitajiet tar-rappreżentanti maħtura.

Emenda

1. L-Istati Membri jiżguraw li proċeduri ta' lmenti u ta' rimedju xierqa u effettivi għar-risoluzzjoni ta' lmenti bejn l-utenti ta' servizzi ta' ħlas u l-fornituri ta' servizzi ta' ħlas dwar id-drittijiet u l-obbligi li jirriżultaw minn din id-Direttiva huma stabbiliti skont il-leġislazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni rilevanti, bl-użu ta' korpi **kompetenti** eżistenti meta xieraq. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn il-proċeduri huma applikabbli **u aċċessibbli kemm għall-utenti kif ukoll** għall-fornituri ta' servizzi ta' ħlas u li jkopru wkoll l-attivitajiet tar-rappreżentanti maħtura.

Or. bg

Emenda 10

Proposta għal direttiva Artikolu 94 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. L-att iddelegat adottat skont l-Artikolu 93 jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' **xahrejn** min-notifika ta'

Emenda

5. L-att iddelegat adottat skont l-Artikolu 93 jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' **tliet xhur** min-notifika ta'

dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu jiġġedded b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn informaw lill-Kummissjoni li mhux se joġġezzjonaw. Dan il-perjodu jiġġedded b'xahrejn b'inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

Or. bg

Ġustifikazzjoni

Huwa neċessarju li jkun imtawwal iż-żmien previst li fih jistgħu jitqajjmu l-oġġezzjonijiet, sabiex il-Parlament u l-Kunsill ikunu jistgħu jistudjaw bir-reqqa l-att iddelegat u jiddeterminaw jekk l-adozzjoni tiegħu f'din il-forma hijiex f'waqtha u korretta.

Emenda 11

Proposta għal direttiva Artikolu 95 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Meta Stat Membru jagħmel użu minn kwalunkwe waħda mill-possibiltajiet imsemmija fil-paragrafu 1, huwa jinforma lill-Kummissjoni dwar dan kif ukoll dwar kwalunkwe bidla sussegwenti. Il-Kummissjonia tagħmel l-informazzjoni pubblika permezz ta' website jew permezz ta' mod ieħor faċilment aċċessibbli.

Emenda

2. Meta Stat Membru jagħmel użu minn kwalunkwe waħda mill-possibiltajiet imsemmija fil-paragrafu 1, huwa jinforma lill-Kummissjoni dwar dan kif ukoll dwar kwalunkwe bidla sussegwenti. Il-Kummissjoni tagħmel l-informazzjoni pubblika permezz ta' website jew permezz ta' mod ieħor faċilment aċċessibbli **u tinforma fil-ħin dovut lill-Parlament Ewropew.**

Or. bg